MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2265/2003

**Peter Caruana (ID1003246M)
vs**

**Anthony Gatt u b'digriet tal-11 ta' Gunju, 2004, gie kjamat in kawza Francis Cremona**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-incident stradali li sehh il-Hamrun fid-9 t'April, 2003 meta l-Isuzu numru FAI-786 habtet fuq il-karozza numru LAR-602 tal-attur li kienet parkeggata, u ntalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm484.45) in linea ta' danni.**
**Bl-ispejjez, komprizi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) tal-konsult u ittra, u dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn**

**notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-9 ta' Jannar, 2004 fejn intqal:**
**i. Illi mhux minnu li l-esponenti ghandu xi tort fl-incident li sehh il-Hamrun fid-9 ta' April, 2003 ;**
**ii. Illi r-responsabilita` hija ta' certu Cremona li dahal fuq il-vann tal-esponent b'tant sahha li tefa' l-esponent u l-vann tieghu fuq il-vettura tal-attur ;**
**iii. Jirriserva jekk huwiex minnu li kien hemm daqshekk hsara fil-vettura tal-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1283 Carmelo Costa, Peter Caruana, Anthony Gatt, Christopher Parnis. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1 Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni illi sehhet il-Hamrun, fid-disgha ta' April 2003 fi Triq San Guzepp. Involuti fil-kollizjoni kienu l-vettura LAR 602 ta' l-attur, il-vettura numru FAI 786 tal-konvenut, u l-vettura numru TFD 594 tal-kjamat in kawza.**
**2 Skond ma xehed l-attur, hu lanqas ma kien prezenti waqt l-incident u l-vettura tieghu kienet parkeggjata. Bid-daqqa, l-vettura tieghu spiccat fuq il-bankina.**
**3 Anthony Gatt, il-konvenut, xehed illi kien hiereg minn Triq Censu Borg ghal go St. Joseph High Road, biex imur fid-direzzjoni ta' St.Venera. Fil-fatt, huwa kien ga hareg minn Triq Censu Borg, u qabel ma hareg kien hares biex jassigura ruhu li ma kien gej xejn. Skond il-konvenut, meta kien fi Triq San Guzepp, ta' quddiemu xeghel indicator biex idur u hu waqaf, u kif waqaf il-vettura TFD 594 baqghet diehla fih minn wara.**
**4 Skond ma jirrizulta mir-road accident report il-kjamat in kawza Francis Cremona qed ighid illi hu tassew baqa' diehel fil-vettura tal-konvenut, pero' dana gara peress illi kien hemm xarabank gejja mid-**

**direzzjoni opposta u l-konvenut allegatament hareg minn wara din ix-xarabank u gie quddiemu.**

**5 Dak li qed ighid il-kjamat in kawza ma huwiex attendibbli peress illi skond ma jirrizulta mill-isketch Dok CC 2 id-debree li jindika l-ispot of impact kien fil-fatt tul ta' xi tlett vetturi l-boghod minn Triq Censu Borg. Dana jindika illi l-konvenut kien gia qabad id-dritta meta gie l-kjamat in kawza. Jirrizulta illi l-kjamat in kawza gie b'certa velocita' tant illi tefa' lill-konvenut ghal gol vettura parkeggjata ta' l-attur illi bid-daqqa telghet il-bankina u habtet gol-vettura l-ohra parkeggjata bin-numru BBI 525 li kienet ukoll parkeggjata.**

**6 Tenut kont ta' dan kollu ma hemmx dubbju illi l-unika wiehed li kien jahti ghal din il-kollizzjoni kien Francis Cremona l-kjamat fil-kawza li kien qed isuq b'velocita' eccessiva u dana qed jinghad mhux biss minn kif spiccaw il-vetturi izda wkoll mid-danni riportati fl-istess vetturi. Bizzejjed wiehed jara r-ritratt Dok MMB 1 li juri illi l-pick up van tal-konvenut qala' daqqa kbira fuq wara.**

**7 Id-danni jirrizultaw mill-prospett Dok P u d-dokumenti annessi minn Dok A sa Dok D.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament Francis Cremona l-kjamat in kawza, t-Tribunal filwaqt li qed jiddikjara lill-konvenut bhala mhux responsabbli ghall-incident, qed jikkundanna lill-istess Francis Cremona ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija erba' u tmenin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm484.45) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-14 ta' Lulju, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) ta' konsult u ittra, u dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Kap 104, ghandhom jigu sopportati mill-kjamat in kawza Francis Cremona.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------